

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/213

tas-17 ta' Frar 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 314/2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/215 tas-17 ta' Frar 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 314/2004 ⁽²⁾ jagħti effett lil diversi miżuri previsti mid-Deċiżjoni 2011/101/PESK ⁽³⁾, inkluż l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi.
- (2) Fis-17 ta' Frar 2020 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/215, li emendat it-titolu tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK u ssospendiet il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' persuna waħda.
- (3) Jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 314/2004 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa emendat kif ġej:

- (1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe”.

- (2) L-Anness IV huwa sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES.

⁽¹⁾ Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).

ANNEX

"ANNEX IV

LISTA TA' PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6(4)

Persuni

	Isem (u kwalunkwe psewdonimu)
3.	Chiwenga, Constantine
4.	Shiri, Perence (magħruf ukoll bħala Bigboy) Samson Chikerema
5.	Sibanda, Phillip Valerio (magħruf ukoll bħala Valentine)
6.	Mugabe, Grace."